MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 510/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Catherine Spiteri u l-istess Catherine Spiteri**

**Vs**

**David Rodenas**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz fejn l-atturi talbu lill-konvenut ihallas Lm688.54c (sitt mija u tmienja u tmenin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu) rappresentanti danni sofferti fl-incident tat-traffiku kif spjegat fl-Avviz.

Ra r-risposta tal-konvenut li qal li l-incident gara tort tal-attrici Catherine Spiteri u f'kull kaz u minghajr pregudizzju d-danni huma kontestati.

Ra d-dokumenti esebiti u sema’ x-xhieda.

L-attrici hekk spjegat l-incident meta tkelmet mal-Pulizija:

“Whilst driving along Regional Road from Qormi to University collision occurred after felt the rear being bumped into, veering sideways and collided with the bus”.

Il-konvenut informa l-Pulizija kif gej:

“Whilst driving along Regional Road collision occurred after vehicle in front lost control, same happened to me and collision occurred.”

Meta xehdet l-attrici qalet li kien ix-xita, f’daqqa l-karozza taghha bdiet tiskidja u baqghet diehla go tal-linja DDY 344. Hi baqghet fil-karozza, ghamlet tlett telefonati u imbaghad f’daqqa wahda smajt hoss iehor u ndunat li xi hadd iehor kien skiddja u dahal go fiha.

Fil-kontro-ezami l-attrici qalet li ma tistax tiftakar jekk cemplet qabel jew wara li l-konvneut dahal go fiha. L-attrici qalet li ghaddiet minuta wara l-habta taghha max-xarabank sakemm gara l-habta ma’ Rodenas.

Rodenas qal li l-ewwel ra l-incident fejn l-attrici habtet max-xarabank imbaghad hu ghafas il-brake, skidja wkoll u baqa’ diehel fil-karozza tal-attrici.

Illi skond ir-rapport tal-Pulizija l-attrici kellha hsara fil-rear boot, front left head light & bumper filwaqt li l-konvenut kellu hsara fuq quddiem.

Ikkunsudra li ezatt wara l-habta l-attrici qalet li l-ewwel kellha daqqa fuq wara w imbaghad habtet fix-xarabank. Illi meta xehdet l-attrici qalet li l-ewwel habtet max-xarabank imbaghad l-karozza tal-konvenut habtet mal-karozza taghha.

Illi l-atturi jridu jippruvaw li l-konvenut kellu tort u li kkaguna l-hsara kollha li sofrew.

L-atturi ma gabux prova tal-hsara li gara b'rizultat ta' l-ewwel incident. Illi l-konvenut kien responsabbli ghal habta li kellu hu mal-karozza tal-attrici dan ghaliex l-konvenut kellu d-dover li jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi u jara dak li hemm fit-triq.

Illi fil-kawza Debono vs Camilleri Appell 23/2/1962 gie ddikjarat:

Hu obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan skond il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art u rapporti ohra kontingenti, u anke dmir ta' driver li jzomm dik li komunemnet tissejjah "a reasonable careful look out" liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibli … jekk id-driver jonqos milli josserva dawn iz-zewg regoli ta' prudenza u jigi f'kollizzjoni ma' vettura ohra, huwa jkun hati ta' negligenza kontributorja jekk il-vettura l-ohra wkoll kienet negligenti u ma jistax jinvoka l-ezoneru ta' sudden emergency; ghax huwa kien f'negligenza antecedenti, u din tkun li giebet l-istat ta' emergenza".

Illi ghalhekk it-Tribunal jiddikjara li l-konvenut kien responsabbli ghal incident bejnu u l-karozza tal-attrici.

Dwar id-danni ma gie esebit ebda survey.

F'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal se jikkunsiddra d-danni li saru fuq wara tal-karozza tal-attrici u arbitrio boni viri se jnaqqas it-talba attrici 40%.

Ghalhekk it-Tribunal jiddikjara li l-konvenut kien responsabbli ghal habta mal-karozza tal-attrici u jikkundannah ihallas lill-atturi l-ammont ta' Lm413.12c (erba' mija u tlettax-il lira Maltin u tnax-il centezmu). Il-konvenut ghandu jhallas lill-atturi 60% tal-ispejjez tal-kawza u l-imghax mid-data tas-sentenza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------